DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Ottubru 2011

li taħtar membru Rumen fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2011/672/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Rumen,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Settembru 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/570/UE, Euratom li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015 [1].

(2) Post ta' membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sur Sorin Cristian STAN,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Liviu LUCA, *Confederația Națională a Sindicatelor Libere din România FRĂȚIA* huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

A. KRASZEWSKI

[1] ĠU L 251, 25.9.2010, p. 8.